MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 220/2011

**GO plc – C22334**

**vs**

**Keanad Limited - C45494**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija sitta u hamsin Ewro u sbatax-il centezmu (€556.17c), in konnessjoni ma' diversi servizzi *(AC40094949)*. Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.
Ra d-dokumenti mehmuza, u cioe' Dok. A – Prospett *AC40094949*, Dok. B – kuntratt datat 30 ta' Ottubru, 2008,

Dok. C – Kuntratt datat 16 ta’ Marzu, 2009, u Dok. D – Estratt MFSA.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija sitta u hamsin Ewro u sbatax-il centezmu (€556.17c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------